

IL-QORTI ĠENERALI

Rikors ippreżentat fis-27 ta' Ġunju 2016 – Dimos Athinaion vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-360/16)

(2016/C 371/10)

Lingwa tal-kawża: Il-Grieg

Partijiet

Rikorrent: Dimos Athinaion (Comune di Atene) (Ateni, il-Greċja) (rappreżentant: G. Georgakarakos, avukat)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea

Talbiet

- tannnulla r-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2016/646, tal-20 ta' April 2016, li jemenda r-Regolament (KE) Nru 692/2008 fir-rigward tal-emissjonijiet minn vetturi ħfief għall-passiġġieri u minn vetturi kummerċjali (Euro 6) ⁽¹⁾ u
- tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż.

Motivi u argumenti prinċipali

Insostenn tar-rikors tiegħu ir-rikorrent jinvoka tliet motivi:

1. L-ewwel motiv huwa bbażat fuq allegat ksur tal-Artikolu 191 TFUE, li jistabbilixxi l-għanijiet tal-linja politika tal-Unjoni Ewropea dwar l-ambjent.
2. It-tieni motiv huwa bbażat fuq allegat ksur tal-Artikolu 37 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea li fiha hemm sanċit id-dritt għal livell għoli ta' protezzjoni ambjentali.
3. It-tieni motiv huwa bbażat fuq allegat ksur tal-Artikolu 15 tar-Regolament (KE) Nru 715/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-20 ta' Ġunju 2007, dwar l-approvazzjoni tat-tip ta' vetturi bil-mutur fir-rigward tal-emissjonijiet ta' vetturi ħfief għall-passiġġieri u ta' vetturi kummerċjali (Euro 5 u Euro 6) u dwar l-aċċess għal informazzjoni dwar it-tiswija u l-manutenzjoni tal-vetturi. ⁽²⁾

⁽¹⁾ ĠU L 109, p. 1

⁽²⁾ ĠU L 171, p. 1.

Rikors ippreżentat fil-12 ta' Lulju 2016 – Anheuser-Busch Inbev u Ampar vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-370/16)

(2016/C 371/11)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrenti: Anheuser-Busch Inbev (Brussell, il-Belġju) u Ampar (Leuven, il-Belġju) (rappreżentati minn: A. von Bonin, O. Brouwer u A. Haelterman, avukati)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea

Talbiet tar-rikorrenti

- tannulla d-deċiżjoni tal-Kummissjoni Ewropea tal-11 ta' Jannar 2016 dwar l-iskema ta' għajjnuna mill-Istat li tikkonċerna l-eżenzjoni mill-profiti eċċessivi SA.37667 (2015/C) (ex 2015/NN);
- tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż skont l-Artikolu 134 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali, inklużi l-ispejjeż ta' kull parti

Motivi u argumenti prinċipali

Insostenn tar-rikors tagħha, ir-rikorrenti tinvoka erba' motivi.

1. L-ewwel motiv ibbażat fuq żball ta' liġi u fuq żball manifest ta' evalwazzjoni, peress li l-Kummissjoni kkonstatat allegata għajjnuna mill-Istat li hija kklassifikat bħala skema ta' għajjnuna skont l-Artikolu 1(d) tar-Regolament 2015/1589, tat-13 ta' Lulju 2015, li jstabblixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tal-Artikolu 108 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u tal-Artikolu 107 TFUE.
2. It-tieni motiv ibbażat fuq żball ta' liġi u fuq applikazzjoni żbaljata tal-Artikolu 107(1) TFUE, billi l-Kummissjoni kkunsidrat li l-iskema ta' aġġustament tal-benefiċċji tal-profiti eċċessivi tikkostitwixxi għajjnuna mill-Istat.
3. It-tielet motiv huwa bbażat fuq żball manifest ta' evalwazzjoni fl-identifikazzjoni tal-gruppi bħala benefiċjarji tal-għajjnuna allegata u ta' ksur tal-prinċipju ta' legalità u tal-Artikolu 16(1) tar-Regolament 2015/1589, tat-13 ta' Lulju 2015, li jstabblixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tal-Artikolu 108 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.
4. Ir-raba' motiv huwa bbażat fuq ksur tal-prinċipji taċ-ċertezza legali, tal-protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi u tal-amministrazzjoni tajba.

Rikors ippreżentat fil-25 ta' Lulju 2016 – CK Telecoms UK Investments vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-399/16)

(2016/C 371/12)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrenti: CK Telecoms UK Investments Ltd (Londra, ir-Renju Unit) (rappreżentanti: T. Wessely u O. Brouwer, avukati, u A. Woods, J. Aitken u M. Davis, Solicitors)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea

Talbiet

- tannulla d-deċiżjoni tal-Kummissjoni Ewropea, tal-11 ta' Mejju 2016, C (2016) 2796 fil-Każ COMP/M.7612 – Hutchison 3G UK Investments Limited/Telefónica (Europe plc), innotifikata lil Hutchison fit-13 ta' Mejju 2016, li ddikjarat li l-akkwist ta' Telefónica Europe plc minn Hutchison kien inkompatibbli fl-intier tiegħu mas-suq intern u mal-Ftehim ŻEE skont l-Artikolu 8(3) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004; u
- tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż, inklużi dawk relatati ma kull intervent eventwali.